MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# DISTRETT - RABAT (GHAWDEX)

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Numru. 315/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Salvina Sultana bint Paul u Maria Anna nee Attard li toqghod Nru 93, Triq Gorf, Nadur, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 34137 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata talli fil-jiem immedjatament qabel it-13 ta' Mejju 2002 ikkommettiet vjolazzjoni tal-propreta` ta' Anthony Zammit billi ripetutament dahlet fl-istess raba' kontra l-volonta` tieghu, aktar talli kkommettiet hsarat volontarji fl-istess raba' li jinsab fl-inhawi ta' Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, liema hsarat jammontaw ghal-inqas minn mitt lira Maltin (Lm100), kif ukoll talli nsulentat u ghajjret lil Anthony Zammit.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex minbarra l-piena, tordna lill-imputata illi tiddesisti milli timmolesta lil Anthony Zammit jew milli tidhol fil-proprjeta` tieghu u dan taht penali li tigi ffissata mill-Qorti fin-nuqqas ai termini ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi;

Jirrizulta illi l-kwerelant xtara l-ghalqa in kwistjoni minghand terzi u l-ghalqa hija mqabbla lill-imputata. Dan kien jafu l-kwerelant izda jsostni li l-ghalqa kienet zdingata u kull ma jhawwel fiha qed tqacctu l-imputata.

Stante li dan kollu qed isir fi hwejjeg l-imputata ma tirrizulta l-ebda vjolazzjoni u ghalhekk ma ssibhiex hatja u tilliberaha.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur